**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Dicembru 2018

Rikors Guramentat numru : 283/14 AL

**A B**
***vs***
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

**<u>Dikjarazzjoni</u>**

1. Illi l-partijiet, A B u C B, izzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002), fil-Knisja ta' San Gejtanu l-Hamrun kif jrrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom mal-prezenti anness u mmarkat bhala '**Dok A**';

2. Illi nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija, disgha u disghin (1999) twieled il-minuri D B

kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid ta' iben il-kontendenti mal-prezenti anness u mmarkat bhala '**Dok B**';

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba f'inkompatibbilita' ta' karattru, kif ukoll minhabba f'servigi, theddid u ingurja gravi da parti tal-intimata;

4. Illi l-esponenti gie awtorizzat illi jintavola dawn il-proceduri permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-hmistax (15) t'Ottubru, elfejn u erbatax (2014), li jinsab mal-prezenti anness u mmarkat bhala '**Dok C**';

5. Illi r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u ghalhekk kellha ssir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-intimata;

**<u>Raguni tat-Talba:</u>**

1. Illi l-partijiet, A B, u C B, izzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002), fil-Knisja ta' San Gejtanu l-Hamrun kif jrrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom mal-prezenti anness u mmarkat bhala '**Dok A**';

2. Illi nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija, disgha u disghin (1999) twieled il-minuri D B kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid ta' iben il-kontendenti mal-prezenti anness u mmarkat bhala '**Dok B**';

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba f'inkompatibbilita' ta' karattru, kif ukoll minhabba f'servigi, theddid u ingurja gravi da parti tal-intimata;

4. Illi l-esponenti gie awtorizzat illi jintavola dawn il-proceduri permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-hmistax (15) t'Ottubru, elfejn u erbatax (2014), li jinsab mal-prezenti anness u mmarkat bhala '**Dok C**';

5. Illi r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u ghalhekk kellha ssir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-intimata;

**Talbiet:**

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-intimata ta' servigi, theddid u ingurja gravi kontra l-esponenti;

2. Tordna illi r-rikorrenti ikollu l-kura u l-kustodja ta' iben il-kontendenti, il-minuri D B;

3. Tiddikjara li l-intimata iddekadiet minn kull jedd ghall-manteniment taghha skond il-ligi;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati lill-kontendenti, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala d-data meta l-intimata tigi ikkonsidrata li tkun hatja tal-firda b'tali mod li hi titlef kull jedd ghal kull akwist maghmul bil-hila tal-esponenti skond il-ligi, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv, kif ukoll kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5. Tapplika kontra l-intimata interament jew in parti d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

6. Tezenta lill-esponenti milli jkun responsabbli ghal dejn li l-intimata ghandha jew jista` jkollha;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet : fol 18

Illi l-esponenti taqbel illi hemm ragunijiet ghas-separazzjoni personali bejn il-konjugi B, imma ghar-raguijiet imputabbli lir-rikorrent zewgha u dan peress li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, minacci, ingurji gravi u theddid;

Illi l-esponenti topponi ghat-tieni talba tar-rikorrent zewgha, stante li l-minuri dejjem trabba m'ommu;

Illi l-esponenti topponi ghat-tielet talba tar-rikorrent;

Illi l-esponenti ma taqbilx mar-raba' talba;

Illi l-esponenti topponi ghall-hames u sitt talba tar-rikorrent zewgha;

Rat il-lista tax-xiehda tal-konvenuta;

Rat l-affidavits kollha ppreżentati, u d-dokumenti magħhom annessi;

Rat il-verbali tas-seduti kollha miżmuma quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dottor Anna Mallia u Dottor Abigail Critien, kif ukoll id-dokumenti hemmhekk esebiti.

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B. Jiġi nnotat li m'hemm l-ebda kontro-talba da parti tal-intimata. Issir referenza għar-rikors promotur li

permezz tagħha l-attur jelenka x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna:

1. Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimata minħabba ħtijiet imputabbli lilha;
2. Tordna li l-kura u kustodja tat-tifel minuri tkun fdata f'idejh;
3. Tiddikjara li l-intimata ddekadiet mid-dritt li titlob u/jew tirċievi manteniment mingħand l-esponenti;
4. Tapplika kontra l-konvenuta d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili;
5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti; Teżenta lill-esponenti milli jkun responsabbli għal dejn li l-intimata għandha jew jista' jkollha;

Bħala fatt jirriżulta li l-partijiet iżżewġu fil-21 ta' Settembru 2002 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu fil-Ħamrun[1]; Illi minn dan iż-żwieġ, fis-27 ta' Settembru 1999, twieled tifel imsemmi D[2] illi għalhekk preżentement għandu dsatax-il sena.

## 1. Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ

### 1.1 Il-verżjoni tal-attur

L-attur jinsisti illi l-ħajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minħabba f'inkompatibilita` ta' karattru, kif ukoll minħabba f'serviġi (recte: sevizzi), theddid u inġurji gravi da parti tal-intimata;

Permezz tal-affidavit tiegħu[3], l-**attur** spjega illi l-partijiet iltaqgħu ta' eta` żgħira, meta huwa kellu biss erbatax-il sena. Wara

[1] Ċertifikat taż-żwieġ huwa esebit fol. 5;
[2] Ċertifikat tat-twelid esebit fol. 6;

sentejn, il-konvenuta inqabdet tqila, u billi kienu għadhom żgħar iddeċidew illi ma jiżżewġux mill-ewwel. It-tifel twieled f'Settembru 1999 u sussegwentement iżżewġu fl-2002. Kienu marru jgħixu fid-dar tal-ġenituri tal-konvenuta f'Santa Venera. Dak iż-żmien huwa kien jaħdem ma' Farsons Eco Pure u l-konvenuta kienet taħdem il-Methode, filwaqt li kienu jħallu lit-tifel man-nanna materna.

Xehed illi fl-għerusija huwa kien għamel konvenju fuq garage fl-indirizz numru 11, Triq Atocia, il-Ħamrun li kien jiswa Lm7500 fi stat ta' ġebel u saqaf. Missier l-attur kien tah Lm2,000 biex jgħinu jixtri l-garaxx. Huwa baqa' jagħmel pagamenti fuq il-garage direttament lill-bejjiegħ, kemm qabel kif ukoll wara ż-żwieġ. Il-kuntratt tal-akkwist tal-garaxx sar wara ż-żwieġ u kien ġie ffirmat ukoll mill-konvenuta.

Il-partijiet kienu jmorru tajjeb flimkien u ma kellhomx xi problemi kbar bejniethom. Kemm hu u wkoll martu kienu jikkontribwixxu għall-ispejjeż tat-trobbija tat-tifel.

Kien ċirka fl-2006 / 2007 li l-partijiet iddeċidew illi jaqilgħu xi ħaġa żejda mal-paga tagħhom billi jixtru l-mowbajls mingħand ċertu Brian Borg u jbiegħuhom lil Emanuel Bartolo. Bartolo kien għaddielu s-somma ta' Lm23,000 sabiex jinxtraw mowbajls mingħand Borg u kollox mexa sewwa. Imbagħad reġa għaddielu Lm15,000, iżda din it-tieni konsenja qatt ma waslet għand l-attur jew Bartolo. L-attur kien inkwieta u kien ta' spiss isaqsi lil martu meta ser jasal ix-xogħol ta' Bartolo u din kienet iġġiblu xi skuża jew oħra għaliex ittardja x-xogħol. Ma jafx martu x'għamlet bihom il-Lm15,000 li kien għaddielu Bartolo. Peress illi l-attur beda jissikkaha, il-konvenuta qabdet u kitbet ċekk ta' Lm15,000 mill-kont tagħha lil Bartolo, iżda dan iċ-ċekk ma ssarrafx.

L-attur isostni li kien f'dan l-istadju li beda l-inkwiet kollu tagħhom. Biex ifittxu jħallsu lil Bartolo, huma ppruvaw jieħdu self mingħand xi Bank. Billi ma setgħux jagħmlu dan f'isimhom personali, fuq ideja tal-konvenuta kienu ddeċidew illi jiftħu kumpanija. Din kienet Phonic Limited u bdiet topera minn ħanut li krew ġewwa Gwardamangia. Il-kumpanija sselfet Lm25,000 li

minnhom Lm15,000 tħallsu lil Emanuel Bartolo, u l-Lm10,000 kienu *business overdraft* sabiex ikunu jistgħu joperaw il-ħanut ta' Gwardamangia. Biex inħareġ dan is-self, il-ġenituri tal-attur (illum mejtin) kienu taw garanzija lill-Bank billi ipotekaw l-uniku ass li kellhom u cioe id-dar tagħhom (illum propjeta` parafernali tal-attur).

In-negozju beda sejjer tajjeb u bdew jagħmlu l-profitti. Eventwalment il-konvenuta telqet mill-impjieg tagħha biex toqgħod fil-ħanut. Jiftakar li C kienet ħarġet bil-proposta illi jixtru kontejner mowbajls u televixins mill-Italja. Il-ġenituri tiegħu kienu sellfuhom is-somma ta' Lm20,000, sabiex jixtru dan il-kontejner, bil-patt illi jħallsuhom lura xi ħaġa kull xahar. L-attur kien afda f'martu u fi Brian, iżda għat-tieni darba x-xogħol ma wasalx. Fil-frattemp huwa kien baqa' jaħdem ma' Farsons.

Il-konvenuta reġgħet inqabdet tqila. Wara li għaddiet it-tqala, twieldet it-tarbija u għammduha, xi ġimgħa jew ġimgħatejn wara, il-konvenuta marret il-ħanut ma' Brian u qalulu li t-tifla ma kinitx bintu imma bint Brian. Kienu kkonfermaw dan billi għamlu t-testijiet tad-DNA. Dakinhar stess, huwa ippakkja ħwejġu u telaq mid-dar t'omm il-konvenuta u mar jabita mal-ġenituri tiegħu. Dakinhar seħħet is-separazzjoni fattwali bejniethom.

### 1.2 Il-verżjoni tal-konvenuta

Min-naħa tagħha, permezz tar-risposta ġuramentata tagħha[4], il-konvenuta tatribwixxi lil żewġha il-ħtijiet tas-sevizzi (moħqrija), eċċessi, vjolenza, theddid u inġurji gravi;

Permezz tal-affidavit tagħha[5], il-konvenuta tispjega li l-inkwiet bejn il-partijiet beda xi sena wara ż-żwieġ. Peress illi l-finanzi kienu baxxi kienu ddeċidew illi jibqgħu jgħixu mal-ġenituri tagħha. Pero` l-attur kien egoist u kien jaħli l-flus billi xtara karozza meta suppost kienu qegħdin iġemmgħu biex jixtru post fejn setgħu jgħixu bħala familja. Fl-istess żmien, kien għadu

[4] Fol. 18;
[5] Fol. 580;

qed iħallas il-garaxx tal-Ħamrun. B'hekk ma tantx setgħu iġemmgħu.

Kienet ġietha l-ideja li jibdew jimportaw il-mowbajls u jbiegħuhom lil ċertu Emanuel Bartolo. L-attur tħajjar u fil-fatt fetħu kumpanija bl-isem ta' Phonic Limited bil-ħanut fi Gwardamangia. Għall-bidu kienu jixtru l-mowbajls mingħand ċertu Brian Borg u jbiegħuhom lil Emanuel Bartolo u huma jieħdu l-commission. Billi kienu qegħdin jagħmlu l-qligħ, l-attur iddeċieda li jieħdu self biex jiftħu l-ħanut. Taqbel illi s-self kien b'kollox ta' Lm25,000 – Lm15,000 biex jitħallas Emanuel Bartolo u Lm10,000 biex jużawhom għall-ħanut. Ħadu self ieħor ta' Lm34,000. L-attur beda jara kbir u ried jordna iżjed stock iżda l-*overdraft* ma bediex iservi u beda jissellef fuq l-idejn. Ma bdewx ilaħħqu bid-dejn li kellhom u bdew jiżdiedu l-kredituri.

Iż-żwieġ bejniethom beda jitkisser għaliex beda jħalliha weħidha fil-ħanut u telqet mix-xogħol mill-Methode fejn kellha paga tajba. Kuljum kien imur xi ħadd jitlobhom xi ħlas. Kien hemm ukoll diversi klijenti illi ħallsu depożitu fuq xi oġġett iżda dan qatt ma waslihom għax ma kellhomx biex iħallsu.

Xi tliet snin wara ż-żwieġ, ma setgħux jgħixu aktar flimkien u l-attur telaq mid-dar tal-ġenituri tagħha. Xi żmien wara, hija bdiet relazzjoni ma' Brian Borg li mkinnha kellha tarbija tifla li twieldet fit-12 ta' Settembru 2007. Tiċħad illi l-attur kien taħt l-impressjoni li t-tarbija kienet tiegħu, anzi tgħid li mill-bidu nett kien jaf li t-tarbija kienet ta' Brian. Fil-fatt lanqas biss attenda għall-magħmudija.

Xehed ukoll **Brian Borg**[6], illi kkonferma li hu u C bdew relazzjoni flimkien meta ħadet id-deċiżjoni li titlaq lil żewġha u titlaq ukoll il-ħanut. Qabel, ta' sikwit kien imur il-ħanut u jsibha tibki u hi kienet qaltlu li kellhom hafna dejn u ma kinux qegħdin ilaħħqu mal-pagamenti. Hija stqarret miegħu li żewġha ġieli kien jerfa' jdejh fuqha u x-xhud ġieli ra xi tbenġil fuq il-persuna tal-konvenuta. Fil-fatt, hu kien tkellem ma' A-A biex ma jerfax

---

[6] Affidavit fol. 595;

idejh fuqha. Imbagħad sar jaf li C kienet qed tistenna tarbija mingħandu. Kienu għamlu t-test tad-DNA u kollox kien jindika li t-tarbija kienet bintu u fil-fatt huwa fetaħ kawża ta' paternita`. *"Niċħad li A-A kien preżenti għall-magħmudija u kien biss wara li sar jaf li mhux missier it-tarbija. Minn dejjem kien jaf li t-tifla ma kinitx tiegħu."*

In kontro-eżami[7], il-konvenuta ppreċiżat illi t-tarbija tgħammdet darbtejn. Fl-ewwel magħmudija, il-parrini kienu missierha u omm A-A. Fit-tieni magħmudija, il-parrini kienu missierha u omm Brian Borg. Iċ-ċertifikat tal-magħmudija jirrifletti l-ewwel magħmudija għax iċ-ċertifikat ma jistax jinbidel.

### 1.3 Prinċipji Legali

**Dwar l-Eċċessi, il-Moħqrija, il-Minaċċi u/jew l-Inġurji Gravi**

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula: "***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[8] ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

---

[7] Kontro-eżami li sar fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Abigail Critien fl-1 ta' Novembru 2017, fol. 620.

[8] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-**moħqrija**, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi[9] bħala bażi għas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[10]**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, **l-inġurji jew offiżi gravi** ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".* Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

L-**eċċessi** ġew imfissra fl-istess sentenza appena ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud: *"eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta` kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

### 1.4 Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern

L-attur jattribwixxi lil martu l-ħtijiet ikkominati fl-Artikolu 40, mentri effettivament mill-proċess jirriżulta illi din hija ħatja ta' adulterju. M'hemmx dubju li r-relazzjoni tagħha ma' Brian Borg li minnha tnisslet ukoll il-minuri Jael, kienet l-aħħar iżda l-ikbar element biex iż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa definittivament. Hija għal kollox inverosimili l-verżjoni tal-konvenuta li hija daħlet f'relazzjoni ma' Borg meta kienet diġa telqet lill-attur. Kieku dan

[9] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[10] Vol. XLV C.ii.708;

kien il-każ, hija kien ikollha ċ-ċertezza li t-tarbija kienet il-wild naturali ta' Brian Borg (ladarba ma kinitx għadha tirrisjedi ma' żewġha) u ma kinitx tistenna r-riżultat tad-DNA għall-konferma. Fit-tieni lok, il-fatt li omm l-attur hija l-parrina tat-tarbija fil-magħmudija, hija indikazzjoni ċara li l-attur u l-familja tiegħu ma kellhomx ħjiel li t-tarbija ma kinitx tal-attur iżda ta' Borg. Għalhekk il-verżjoni tal-attur li kien biss wara l-magħmudija li kienu informawh li t-tarbija kienet ta' Borg, hija iktar kredibbli. Illi b'hekk, il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li r-relazzjoni adultera tal-konvenuta kienet il-kawża prinċipali għat-tifrik taż-żwieġ bejn il-partijiet. L-adulterju huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: "***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".[11] Di piu, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*"[12] It-tarbija twieldet fit-12 ta' Settembru 2007[13] u b'hekk jirriżulta li ġiet ikkonċepita lejn l-aħħar tas-sena 2006. Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tistabilixxi il-31 ta' Diċembru 2006 bħala d-data meta l-konvenuta kienet ħatja għat-tkissir taż-żwieġ.

Rigward l-eċċessi u l-moħqrija allegati mill-konvenuta fil-konfront ta' żewġha, jirriżultaw mhux minimament ippruvati. M'hemm l-ebda ċertifikat mediku li jista' jikkonferma dan u lanqas xi rapport lill-Pulizija. Illi għalhekk il-konvenuta ma rnexxilhiex tipprova xi ħtija tal-attur fil-konfront tagħha. Kien biss Brian Borg li xehed illi ra lill-konvenuta bi tbenġil fuqha. Illi m'hemm l-ebda prova illi l-istess tbenġil ġie tassew ikkawżat mill-attur, bħalma tallega l-konvenuta.

Għalhekk, in vista tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li m'hemm l-ebda tama għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u b'hekk hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejniethom, bit-tortijiet esklussivament imputabbli lill-konvenuta li hija ħatja ta' adulterju.

---

[11] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[12] Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP);

[13] Xhieda ta' **Brian Borg** in kontro-eżami. Seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Abigail Critien tal-21 ta' Mejju 2018, fol. 634;

## 2. **Dwar il-Kura, l-Kustodja, l-Aċċess ta' D B**

L-attur xehed illi bin il-partijiet, D, dejjem għex ma' ommu u man-nanna tiegħu. L-attur qatt ma naqsu minn xejn u kien jgħaddilu l-manteniment mingħajr problema. Preżentement[14] it-tifel qiegħed jattendi l-MCast u l-attur jgħaddi €150 fix-xahar direttament lit-tifel u jħallaslu l-ispejjeż l-oħra bħall-kompjuter, ħwejjeġ u kull ħaġa oħra extra li jkollu bżonn. Inoltre huwa jġemma' ħamsin Ewro fix-xahar sabiex ikun jista' jsiefer ma' ibnu ta' kull sena, fosthom li jmorru jaraw lil Manchester United li huwa t-tim tal-futbol li t-tnejn jissapportjaw.

Huwa jara lit-tifel darba fil-ġimgħa, x'aktarx mill-Ġimgħa għas-Sibt u għandhom relazzjoni tajba ħafna. L-aċċess huwa wieħed liberu u flessibbli u jħalli lit-tifel fil-liberta` li jagħżel meta jixtieq jiltaqa' miegħu.

Il-konvenuta ssostni li lit-tifel, l-attur qatt ma tah sold għajr illi jsiefru darba fis-sena. Ikkonfermat illi huwa jattendi l-MCast u li bi ħsiebu jibqa' jistudja l-IT. Hija żiedet illi binhom ibati minn Marfan's Syndrome. Hija esebiet sett ta' dokumenti mediċi[15] illi jindikaw illi hemm suspett li t-tifel ibati minn din il-kondizzjoni u li għalhekk sarulu diversi testijiet. Mill-istess dokumenti jirriżulta li ma kienx hemm konferma li t-tifel tassew ibati minn din il-kondizzjoni relatata mal-qalb, iżda jeħtieġ illi jsiru iktar testijiet f'dan is-sens.

Dwar l-introjtu tal-attur, xehed Jonathan Mangion[16], *warehouse manager* ma' **P. Cutajar & Co. Limited**, illi esebixxa l-FS3 tal-attur għas-sena 2016. Mill-imsemmi dokument jirriżulta illi l-attur jippreċepixxi medja ta' €1341.64 nett kull xahar[17].

---

[14] L-affidavit ġie maħluf fit-18 ta' Frar 2016;

[15] Fol. 596 et seq.

[16] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fis-6 ta' Frar 2017, fol. 610;

[17] Minn gross ta' €19,517, naqqas €2,154 taxxa u €1275.30 kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Soċjali. Jifdal €16,087.71 netti maqsumin fuq tnax-il xahar, iwassal għall-ammont mensili ta' €1304.64.

Il-Qorti tirrileva illi iben il-partijiet, D B, twieled fis-27 ta' Settembru 1999 u dana għaldaqstant ifisser illi f'Settembru tas-sena korrenti, huwa għalaq dsatax-il sena u għalhekk huwa maġġorenni.

In vista ta' dan, it-talbiet dwar il-kura u l-kustodja ta' D, f'dan l-istadju saru superfluwi u għalhekk il-Qorti ser tkun qiegħda tastjeni milli tagħti deċiżjoni dwarhom.

### 3. Dwar id-Dekadenzi Stipulati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili

L-attur jitlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' martu id-dekadenzi stipulati fl-artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili. Min-naħa tagħha, il-konvenuta tgħid illi l-komportament tagħha m'huwiex tali li tiddekadi mid-drittijiet tagħha.

Il-firda personali motivata mill-adulterju, bħalma huwa l-każ odjern, iġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula: ***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[18];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data***

---

[18] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

***stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Fil-każ odjern, il-konvenuta hija ħatja ta' adulterju fil-konfront tal-attur. Fuq talba tal-attur sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 iċċitat, il-Qorti, ladarba sabet il-ħtija tal-adulterju, m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa' t-talba tal-attur f'dan ir-rigward.

## 4. Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Illi l-aspett patrimonjali huwa ċertament l-iktar aspett ta' diżgwid bejn il-partijiet. Fiż-żwieġ, huma akkumulaw ħafna dejn, u ż-żewġ partijiet iħossu li huma ħallsu biżżejjed mill-imsemmi dejn u li m'għandhomx jiġu ikkundannati jħallsu pagamenti ulterjuri. Skond l-attur: *"Id-dejn hi għamlitu u tħallsu hi u kemm ħallset ma nafx. Jien dejn ma għandix u baqa' l-house loan mal-Bank of Valletta."*[19] Skond il-konvenuta: *"Jiena qeda nippretendi li m'għandiex inħallas aktar dejn milli ħallast, għax fl-aħħar mill-aħħar mhux tort tiegħi li tkisser iż-żwieġ u anzi ħallast aktar milli suppost."*[20]

L-attur xehed illi meta seħħet is-separazzjoni fattwali bejn il-partijiet, bdew imorru d-dar tal-ġenituri tiegħu nies, inkluż marixxalli tal-Qorti sabiex jitolbuh il-flus u jieħdu l-affarijiet mid-dar tal-ġenituri tiegħu. Ġie kostrett iħallas ħafna mid-dejn li bdiet tagħmel il-konvenuta u dan in vista tal-ipoteka li kienu

---

[19] Kontro-eżami tal-attur li sar fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fit-13 ta' Marzu 2017, fol. 614;
[20] Affidavit tal-konvenuta, fol. 581.

għamlu ommu u missieru. Sar jaf illi il-konvenuta bdiet toħroġ iċ-ċekkijiet foloz u tiffirma il-firma tiegħu fuq iċ-cheque book tiegħu. Wieħed mill-kredituri irnexxielu jaqbadlu l-flus tal-Bank u anke ħadlu l-garage tal-Ħamrun. C Ann ħadet il-flus kollha tal-bankdraft, il-qligħ kollu tal-ħanut ta' Gwardamangi u l-istokk kollu li kien hemm fil-ħanut li jistma li kien jiswa Lm10,0000. Kull ma sab kien laptop u l-konvenuta kienet qaltlu li ser tbiegħ l-istokk u tgħaddilu l-flus biex iħallas il-kera. Iżda hi qatt m'għaddietlu xi flus.

Sussegwentement fit-2 ta' Settembru 2009, il-partijiet resqu għal skrittura privata bejniethom illi tgħid illi A B qiegħed jitlob li C Ann B għandha tirrifondi s-somma ta' €640,570 (Lm275,000).[21] Huwa xehed li l-figuri mniżżla fl-istess skrittura ħarġet bihom l-istess konvenuta u kienu jirrappreżentaw il-flus li hija ħadet mill-kumpanija Phonic Limited, il-qligħ li għamlet il-kumpanija li ħaditu weħidha, il-flus li tawhom ommu u missieru u l-istokk li kien hemm fil-ħanut ta' Gwardamangia.

Xehdet Dottor Elizabeth Quintano in rappreżentanza tar-**Reġistratur tal-Qorti**[22] li qalet illi kien hemm tliet kompilazzjonijiet pendenti fil-konfront tal-konvenuta. Esebiet ukoll tliet sentenzi li ngħataw fil-konfront tagħha ilkoll mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

- Sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dottor Audrey Demicoli fil-15 ta' April 2010[23] fejn il-konvenuta ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha relatati ma' użu ta' ismijiet jew kwalifiki foloz, serq ta' ċekkijiet u falsifikazzjoni ta' ċekk f'Novembru 2009. Hija ġiet illiberata bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat ieħor fi żmien sentejn u bil-kondizzjoni li fi żmien xahar tħallas lil FGL Enterprises Limited €150 u lil Untours Travel €240.

[21] L-oriġinal ta' din l-iskrittura jinsab esebit fol. 563;
[22] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia tas-27 t'April 2015, fol. 40;
[23] Fol. 44 et seq;

- Sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dottor Carol Peralta fis-16 ta’ Ottubru 2012[24] fejn il-konvenuta ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha relatati ma’ użu ta’ ismijiet jew kwalifiki foloz, falsifikazzjoni ta’ ċekk jew firem u li xjentement għamlet użu minn dokument falz f’Jannar 2009. Hija ġiet ikkundannata sitt xhur priġunerija sospiżi għal sena bil-kondizzjoni li tħallas lil Adrian Galea €13,721 fi żmien sitt xhur.[25]

- Sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dottor Antonio Mizzi fl-14 ta’ Novembru 2012[26], fejn il-konvenuta ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha relatati ma’ użu ta’ ismijiet jew kwalifiki foloz, serq ta’ ċekk, u falsifikazzjoni ta’ ċekk jew firem u li xjentement għamlet użu minn dokument falz f’Diċembru 2008. Hija ġiet ikkundannata sentejn priġunerija sospiżi għal erba’ snin bil-kondizzjoni li fi żmien sitt xhur tħallas lil Intercomp Marketing Limited €7,200.[27]

Xehdet Audrey Ghigo in rappreżentanza ta’ **HSBC Bank Malta plc**[28] illi esebiet il-prospetti relattivi għall-kontijiet bankarji miżmuma minn A B, C Ann B, il-konjuġi flimkien u wkoll is-soċjeta` Phonic Limited. Hija żiedet illi l-Bank ġie notifikat bis-segwenti mandati ta’ sekwestru:

Fil-konfront tal-attur: 678/10 u 2762/10;
Fil-konfront tal-konvenuta: 3344/08, 279/09, 2029/09, 3729/09, 678/10, 3787/10, 3869/10 u 313/13;
Fil-konfront ta’ Phonic Limited: 279/09, 2762/10 u 3787/10;

---

[24] Fol. 50;
[25] Jirriżulta illi l-istess Galea ġiet debitament imħallas għas-saldu mill-konvenuta u dan skond l-irċevuta esebita fol. 584;
[26] Fol. 48;
[27] Jirriżulta illi Intercomp Limited ġiet debitament imħallsa għas-saldu mill-konvenuta u dan skond il-prospett esebit fol. 585;
[28] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fis-27 ta’ April 2015, fol. 40;

Dottor Ilenia Micallef Grimaud, in rappreżentanza ta' **MSV Life p.l.c.**[29], xehdet illi il-partijiet flimkien kellhom tliet poloz ta' assikurazzjoni illi kienu kollha *out of force* u skaduti għaliex ma sarux il-pagamenti. Dawn il-poloz preżentement ma jiswew xejn. Hija esebiet il-prospett relattiv għal kull polza[30].

Xehed Joseph Caruana in rappreżentanza ta' **Bank of Valletta plc**[31] illi esebixxa il-prospetti relattivi għall-kontijiet bankarji miżmuma minn A B, C Ann B, il-konjuġi flimkien u wkoll is-soċjeta` Phonic Limited. Huwa żied illi fil-konfront tal-attur kien hemm mandat ta' sekwestru innumerat 2762/10 maħruġ fuq talba ta' Carmel u Bernardette Bajada.[32] Esebixxa wkoll dokumenti[33] illi jindikaw illi l-attur A B kien l-uniku firmatarju għan-nom tas-soċjeta` Phonic Limited fuq business overdraft maħruġ mill-Bank. L-attur min-naħa tiegħu awtorizza wkoll lil Brian Borg, is-segretarju tal-istess kumpanija sabiex jiddepożita (iżda mhux jiżbanka) fondi tal-kumpanija kemm flus kontanti u wkoll ċekkijiet. Permezz ta' sentenza ddatata it-30 ta' Lulju 2012[34], fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs. Phonic Limited u Emanuel u Maria Rosaria konjuġi B, is-soċjeta` Phonic Limited ġiet kanonizzata kreditriċi tal-Bank fis-somma ta' €74,554.01 flimkien mal-imgħax mill-1 ta' Ġunju 2010, filwaqt illi l-konjuġi B (ġenituri tal-attur) bħala garanti ġew ordnati sabiex in solidum iħallsu s-somma ta' €58,234.

Dottor Alexia Aquilina, in rappreżentanza tar-**Reġistratur tal-Qrati Ċivili**[35], esebiet elenku ta' mandati u sentenzi deċiżi fil-konfront tal-partijiet (oltre dawk relatati ma' dawn il-proċeduri:

| **Tip ta' Att Ġudizzjarj** | **Referenza** | **Okkju** | | **Data** |
|---|---|---|---|---|

[29] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fis-17 ta' Ġunju 2015, fol. 341;

[30] Dokumenti MSV1, MSV2 u MSV3 fol. 462 et seq;

[31] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fis-17 ta' Ġunju 2015, fol. 341;

[32] Dokument BOV 10, fol. 344;

[33] Dok BOV9, fol 345 et seq;

[34] Rikors Ġuramentat Numru: 890/2010, esebita permezz ta' nota mill-attur fl-20 ta' April 2016, fol. 544;

[35] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fis-17 ta' Ġunju 2015, fol. 341;

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| u | | | | |
| Mandat t'Inibizzjoni | 716/10/1 | Agius Charles | B A et | Pendenti |
| Filjazzjoni | 395/08NC | Borg Brian | B C Ann et | 12/05/2009 |
| Talba Kundanna Ħlas | 891/08ISB | Mediacoop Ltd. | B C Ann | 13/02/2009 |
| Talba Kundanna Ħlas | 682/09YMS | Agius Charles | B C | 14/09/2010 |
| Talba Kundanna Ħlas | 460/12NHV | Mobisle Communications Limited | B C Ann | 04/10/2012 |
| Talba Kundanna Ħlas | 662/13NHV | Untours Travel Limited | B C Ann | 11/12/2013 |
| Mandat ta' Sekwestru | 279/09 | Ignazio Anastasi Ltd | Phonic Ltd. | 27/02/2009 |
| Mandat ta' Qbid | 505/09 | Ignazio Anastasi | Phonic Ltd. | 13/02/2009 |
| Mandat ta' Qbid | 2112/09[36] | Juanafil Consultants Ltd | Phonic Ltd. | 09/07/2009 |
| Mandat ta' Sekwestru | 3787/10 | 26th Frame Ltd | Phonic Ltd. et noe. | 05/11/2010 |
| Mandat ta' Sekwestru | 3344/2008 | Mediacoop Ltd | B C Ann | 13/11/2008 |
| Mandat ta' Sekwestru | 2029/2009 | Mediacoop Ltd | B C Ann | 02/07/2009 |
| Mandat ta' Sekwestru | 3869/2010 | Mobisle Communications Ltd | B C Ann | 15/11/2010 |
| Mandat ta' | 313/2013 | Mobisle | B C | 13/02/201 |

[36] Kopja ta' dan il-mandat **eżekuttiv** ġiet esebita permezz ta' nota esebita mill-attur fl-20 ta' April 2016 fol. 514; Jirriżulta li s-sorte kien fl-ammont ta' **€796.00**;

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Sekwestru | | Communications Ltd | Ann | 3 |
| Mandat ta' Qbid | 949/2009 [37] | Vella Zarb Joseph James et | B C Ann et | 08/06/2009 |
| Talba Kundanna Ħlas | 922/09MK | 26th Frame Limited | Phonic Ltd | 28/01/2010 |

Xehed ukoll **Joseph Vella Zarb**[38], illi rrileva li l-partijiet għandhom dejn miegħu ta' ċirka sittax-il elf Ewro rappreżentanti prezz ta' televixins li l-partijiet xtraw mingħandu. Il-ħanut tiegħu qabel llum jismu Toshiba u qabel kien jismu Tip Top Electronics. Kienet saret skrittura privata bejnu u bejn il-partijiet bix-xiehda ta' Dottor Edward Debono u saħansitra saret kawża fil-konfront tagħhom iżda baqa' ma tħallasx. Fl-aħħar huwa kien ikellem lill-mara (ossia lill-konvenuta).

Dottor Claudette Fenech **mir-Reġistru tal-Kumpaniji**[39], esebiet dokumenti relattivi għall-kumpanija li fiha kienu nvoluti il-partijiet:

**Phonic Limited C-35863** ġiet irreġistrata fit-18 ta' Marzu 2005. Bdiet bl-isem ta' Sunflower Marketing Limited minn ċerta Janice Fenech K.I. 246980(M) li kienet l-azzjonista unika tagħha, is-segretarja tal-kumpanijia u kellha wkoll ir-rappreżentanza legali u ġuridika tagħha. Id-direttur tagħha kien ċertu Salah Mohmos. L-uffiċċju rreġistrat tal-kumpanija kien "Sunflower Garage", Triq Villabate, Żabbar.

B'effett ta' riżoluzzjoni tal-25 ta' Lulju 2005, dan Mohmos ġie mneħħi minn Direttur u minflok saret Direttur l-istess Janice

[37] Kopja ta' dan il-mandat **eżekuttiv** ġiet esebita permezz ta' nota esebita mill-attur fl-20 ta' April 2016 fol. 526; Jirriżulta li s-sorte kien fl-ammont ta' **€16,536.00**;

[38] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fit-22 ta' Ottubru 2015, fol. 467;

[39] Fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fl-1 ta' Diċembru 2015, fol. 472;

Fenech. Ir-rwol ta' segretarju tal-kumpanija ingħata lil Charles Fenech K.I. 377463(M).

B'effett ta' riżoluzzjoni tad-29 ta' Mejju 2007, Janice Fenech tneħħiet minn Direttur u minflok sar Direttur l-attur A B K.I. 435082(M). Ir-rwol ta' segretarju tal-kumpanija ingħata lil Brian Borg K.I. 172772(M), li kellu wkoll ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-kumpanija. L-ishma kollha tal-kumpanija inxtraw mill-attur A B fit-8 ta' Ġunju 2007.

B'effett mid-9 ta' Ġunju 2007, is-soċjeta` biddlet isimha għal Phonic Limited, bl-indirizz irreġistrat Block P, Door B, Flat 1, Bini tal-Gvern, Ħamrun. Brian Borg baqa' jokkupa r-rwol ta' segretarju tal-kumpanija kif ukoll ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-kumpanija.

B'effett ta' riżoluzzjoni tat-23 ta' Ottubru 2007, il-konvenuta C Ann B K.I. 463780(M) inħatret segretarja tal-kumpanija minflok Brian B. Fis-7 ta' Lulju 2008, l-istess Brian Borg tneħħa minn rappreżentant tal-kumpanija, liema rwol ingħata lill-konvenuta. Fil-25 ta' Ottubru 2012, l-istess rwol ingħata lill-attur u tneħħiet il-konvenuta.

Is-soċjeta` għadha attiva.

Ix-xhud żiedet illi l-kumpanija hija debitriċi tal-istess reġistru fis-somma ta' €1759.15.

Ġiet esebita[40] wkoll korrispondenza mibgħuta minn ċertu Vincent Buhagiar lil Phonic Limited li lmenta li fit-28 ta' Jannar 2014, huwa ħallas €450 depożitu fuq kull wieħed minn żewġ laptops li ma ġewx ikkunsinnati lilu. Għalhekk huwa debitur ta' Phonic Limited fl-ammont ta' €900.

Jirriżulta illi l-garaxx internament immarkat bin-numru 11 f'kumpless ta' garages innumerat 153, Triq Atocia, il-Ħamrun ġie mibjugħ bl-irkant fuq talba ta' Charles Agius li kien debitur

[40] Permezz ta' nota esebita mill-attur fl-20 ta' April 2016, fol. 511;

tal-partijiet fis-somma ta' ċirka €26,000[41]. L-istess propjeta` ġiet rilaxxata favur l-istess debitur illi akkwista l-garaxx "animo compensandi".

John Micallef rappreżentant mid-**Dipartiment tat-Taxxi Interni**,[42] esebixxa prospetti għall-partijiet u wkoll għal Phonic Limited, minn fejn jirriżulta illi Phonic Limited hija debitriċi tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-inċirka ta' €2293[43]. Paul Scicluna mid-**Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** (VAT)[44] xehed illi ma hemm ebda pendenzi mill-partijiet jew minn Phonic Limited fil-konfront tad-dipartiment minnu rappreżentat.

Il-konvenuta tiċħad illi l-partijiet ħadu self ta' Lm20,000 mingħand il-ġenituri tal-attur biex jixtru l-istokk. Tiċħad ukoll li kienet hi li ħadet l-istokk tal-ħanut, anzi ssostni li kien l-attur innifsu li ħadu u poġġih f'xi garaxx u hi ma tafx x'sar minnu. Dwar il-frodi li hija wettqet, tixhed illi kien l-attur li kien iġiegħlha tiffirma ċ-ċekkijiet għalih.[45] Tinsisti wkoll li l-attur biegħ il-vettura Volkswagen Golf, li kellha n-numru tar-reġistrazzjoni JPD279, mingħajr ma qalilha.

Oltre l-pagamenti li l-konvenuta għamlet lil Adrian Galea ta' YAL Home & Electronics u lil Intercomp Marketing Limited, li kienu ippreċedew kriminalment fil-konfront tal-konvenuta, hija ħallset ukoll is-segwenti:
Alfen Displays €1,100[46];
Systec Limited €11,557.00[47] b'bilanċ rimanenti ta' €8905.86 oltre l-imgħax;
Ignazio Anastasi Ltd €220.99[48];
Juanafil Consultants Ltd €300[49];

---

41 Mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet Charles Agius vs. A B u C B, innumerat 678/10, ġie esebit permezz ta' nota esebita mill-attur fl-20 ta' April 2016. Fol. 532;
42 Xiehda mogħtija fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fid-9 ta' Ġunju 2016, fol. 561;
43 Prospett sal-20 ta' Mejju 2016;
44 Xiehda mogħtija fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fid-9 ta' Ġunju 2016, fol. 561;
45 Allegazzjoni illi l-attur ċaħad fil-kontro-eżami tiegħu tat-13 ta' Marzu 2017, fol. 614;
46 Riċevuta esebita fol. 582;
47 Prospett esebit fol. 586 u 588;
48 Riċevuta esebita fol. 589;

Miller Distributors Ltd €665.75[50] u €665.75[51];
Vodafone Malta Limited €400[52];
Silvio Vella €832.74[53];

Il-konvenuta tiċħad illi hija qatt iffirmat xi skrittura privata mal-attur bħal dik illi esebixxa fol. 63. Lanqas biss tagħraf il-firma tagħha fuq l-istess dokument.

APPREZZAMENT TAL-QORTI

**Fl-ewwel lok, bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B.** B'hekk, mill-preżenti, kull akkwist li tagħmel xi parti jkun jappartjeni esklussivament lilha, u kull debitu kkontrattat minn xi parti ikun ir-responabilita`esklussiva ta' dik il-parti.

Illi ladarba l-istess komunjoni baqgħet viġenti sal-preżenti, hija fehma tal-Qorti illi d-dejn kollu kkontrattat jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Dak kollu li l-partijiet jallegaw li ħallsu mill-introjtu esklussiv tagħhom, effettivament tħallas mill-komunjoni tal-akkwisti għaliex, l-introjtu ta' kull wieħed mill-partijiet sal-lum għadu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. B'hekk, kull pretensjoni tal-partijiet li ħallsu xi debitu minn introjtu esklussivament tagħhom tirriżulta infondata.

Inoltre, jirriżulta wkoll illi l-attur kellu kreditu parafernali għall-pagamenti li għamel fuq il-garage tal-Ħamrun qabel iż-żwieġ, liema garage ġie akkwistat fiż-żwieġ. Illi huwa ma ressaq ebda prova sabiex il-Qorti tkun tista' tillikwida l-quantum tal-istess kreditu parafernali.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi l-ishma fis-soċjeta` Phonic Limited ġew akkwistati mill-attur fit-8 ta' Ġunju 2007, u cioe fiż-żwieġ.

---

[49] Riċevuta esebita fol. 590;
[50] Riċevuta esebita fol. 591;
[51] Riċevuta esebita fol. 592;
[52] Riċevuta esebita fol. 593;
[53] Riċevuta esebita fol. 594;

B'hekk id-dejn kollu li jaggrava lill-istess kumpanija u li huwa garantit minn xi ħadd mill-partijiet personalment, huwa garantit solidalment miż-żewġ partijiet. M'hemmx dubju li t-tnejn kienu ugwalment involuti fil-kumpanija u l-Qorti ma temminx l-istqarrija tal-konvenuta li tgħid li qatt ma ffirmat biex tkun is-segretarja tal-kumpanija[54]. Id-dokument esebit fol. 485, redatt minn professjonista, jikkontradixxi dan.

Mhuwiex faċli illi l-Qorti tistabilixxi kemm baqa' dejn fil-komunjoni tal-akkwisti u kemm minnu tħallas, biex tassenja d-dejn bejn il-partijiet individwalment bl-eskluzjoni tal-parti l-oħra. Illi b'hekk, il-Qorti qiegħda tordna illi **<u>kwalsijasi dejn ikkontrattat mill-partijiet flimkien jew separatament, kif ukoll ikkuntrattat minn Phonic Limited iżda mħallas unikament minn xi wieħed mill-partijiet jew garantit minn xi ħadd mill-partijiet, bejn il-21 ta' Settembru 2002, u cioe id-data taż-żwieġ tagħhom, sal-preżenti, ikun ir-responsabilita` taż-żewġ partijiet b'mod ugwali.</u>** Illi jekk xi parti tkun kostretta tħallas weħidha is-sehem tad-dejn tal-parti l-oħra, hija jkollha l-jedd li titlob ir-rifużjoni ta' dak is-sehem.

Dwar l-iskrittura ta' bejn il-partijiet esebita fol. 563, din l-iskrittura m'għandha l-ebda valur fil-liġi in vista li hija skrittura bejn miżżewġin li ma ġietx approvata b'digriet tal-Qorti kompetenti. Inoltre, anke kieku kienet valida, l-iskrittura tgħid biss illi l-attur talab is-somma ta' €640,000 lill-konvenuta, Imkien ma tgħid illi l-konvenuta aċċettat illi tħallashom.

## <u>DEĊIDE</u>

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tippronunzja s-separazzjoni personali tal-partijiet bi ħtijiet imputabbli esklussivament lill-konvenuta;

---

[54] Xhieda tal-**konvenuta** in kontro-eżami mogħtija fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Abigail Critien fil-15 ta' Jannar 2018, fol. 627;

[2] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba tal-attur;

[3] Tilqa' t-tielet talba tal-attur u konsegwentement tiddikjara illi l-intimata ddekadiet minn kull jedd li titlob u/jew li tirċievi manteniment mingħand l-attur;

[4] Tilqa' r-raba' talba attriċi u filwaqt illi tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet, tordna illi kwalsijasi dejn ikkontrattat mill-partijiet flimkien jew separatament, kif ukoll ikkuntrattat minn Phonic Limited C-35863 iżda mħallas unikament minn xi wieħed mill-partijiet jew garantit minn xi ħadd mill-partijiet, bejn il-21 ta' Settembru 2002, u cioe id-data taż-żwieġ tagħhom, sal-preżenti, ikun ir-responsabilita` taż-żewġ partijiet b'mod ugwali.

[5] Tilqa' l-ħames talba tal-attur u konsegwentement tapplika kontra l-intimata l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

[6] Tiċħad is-sitt talba tal-attur;

Bl-ispejjeż ikunu sopportati esklussivament mill-konvenuta.